# MALTA

## QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum 15 ta' April, 2016**

**Rikors Nru.: 759/15MH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Jonathan Vella**
**(K.I. numru 370487M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti fejn gie sottomess:

***"1. Illi bi-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntatt, fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja, datat 22 ta' Dicembru 2008 (Dok. "A" u skrittura privata datata 7 ta' Novembru 2008 (Dok "B", fejn is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarja lil Jonathan Vella.***

***2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Jonathan Vella fis-somma ta' tmenin elf, era` mija u tnejn u tletin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€80,432.65), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Jonathan Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2" u Dok "D1 sa D2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament.***

3. ***Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok "A" u Dok "B", partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jonathan Vella***

   ***(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Jonathan Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.***

4. ***Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.***

5. ***Illi l-konvenut Jonathan Vella gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Jannar 2015, li kopja taghha qed tigi ezibita u mmarkata bhala Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.***

***Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghalhiex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta ` attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:***

1. ***Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A" u Dok. "B", partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jonathan Vella (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Jonathan Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici u***

2. ***Tikkundanna lil Jonathan Vella jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmenin elf, erba` mija u tnejn u tletin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€80,432.65), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Jonathan Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2" u Dok "D1 sa D2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament.***

***Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Jannar 2015 kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."***

Rat li fis-seduta tas-6 ta' April, 2016, l-intimat meta msejjah ma deherx ghalkemm din gie debitament notifikat;

Semghet lil Rose Cortis in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

Tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-intimat biex ihallas[1] lill-lis-socjeta attrici s-somma ta' tmenin elf, erba` mija u tnejn u tletin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€80,432.65), rapprezentanti l-bilanc dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mill-14 ta' Mejju, 2015 sal-jum tal-hlas effettiv;

Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

John Muscat
Dep. Reg.

[1] B'digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Mejju, 2016 a tenur tal-Artikolu 825(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta saret is-segwenti korrezzjoni: i)Il-kelma *"thallas"* giet sostitwita bil-kelma *"ihallas";* ii) il-kliem *"mil-lum"* gew sostitwiti bil-kliem *"mill-14 ta' Mejju 2015";* iii) wara l-kliem *"l -ispejjez tal-kawza"* zdiedu l-kliem *"u l-ispejjez tal-Ittra Ufficjali datata 6 ta' Jannar, 2015".*